MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1042/1973/1

**Kavallier Lawrence Darmanin u Joseph Stellini bhala Diretturi tas-Socjeta` Malta & Europe Hotels Ltd. in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`; u b'nota tad-29 ta' Ottubru, 1974,**
**l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici assuma l-atti tal-kawza**
**ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd. minflok l-atturi, u b'nota tal-25 ta' Marzu, 1977 l-Avukat George Abela assuma l-atti ghan-**
**nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd.**

**v.**

**Marcel Mifsud u Patrick Calleja bhala Diretturi tas-socjeta` Pabros Ltd., in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`, u b'nota tas-26 ta' Frar, 1974, Malcolm Pace assuma l-atti tal-kawza bhala direttur ta' l-istess socjeta` minflok Marcel Mifsud, li m'ghadux direttur, u b'nota tad-29 ta' Ottubru, 1974 l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Pabros Ltd. minflok id-Diretturi u b'nota ta' l-20 ta' Mejju, 1987 Emanuel A. Bonello assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Pabros Limited minflok l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici; u b'nota pprezentata fil-5 ta' Gunju 2003 is-socjeta` "Gatt, Galea & Co." assumiet l-atti tal-kawza bhala l-Kontrollur il-gdid ta' Pabros Limited minflok il-Kontrollur precedenti Emanuel A. Bonello.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Dicembru 1973 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-atturi ppremettew illi bi skrittura tat-2 ta' Dicembru, 1970 (Dok A) is-socjeta` attrici kienet tat b'titolu ta' lokazzjoni l-Grand Hotel Excelsior, Floriana, Malta, bil-pertinenzi tieghu kollha lis-socjeta` konvenuta bil-kera ta' LM64,500 fis-sena jithallas kull tlett xhur bil-quddiem; u billi gie konvenut li fin-nuqqas ta' pagament tal-kera, ta' erba' trimestri konsekuttivi, jew ammont ekwivalenti, l-atturi noe, wara li jkunu qeghdu f'mora lill-konvenut noe permezz ta' att gudizzjarju jkollhom id-dritt li jirrecedu ipso jure mill-istess kuntratt u jergghu jimmettu ruhhom fil-haga lokata; u billi skond l-Artikolu 7 ta' l-istess skrittura, l-atturi nomine kienu iddelegaw lill-konvenuti nomine li jivversaw il-kera tat-tieni sena, kwantu ghall-50% lis-socjeta` Finindustry Ltd. akkont ta' kapitali mutwati u interessi, u kwantu ghar-rimanenti 50% lill-kredituri ohra ta' l-atturi noe in

proporzjoni tal-krediti rispettivi skond pjan predispost mill-atturi noe; u billi bi skrittura ohra tal-25 ta' Frar, 1972, il-konvenuti noe gew immessi fil-pussess tal-lukanda u beda l-kors tal-lokazzjoni (Dok B); u billi l-konvenuti naqsu li ihallsu il-kera tat-tieni sena, cioe` l-erba' skadenzi dovuti bil-quddiem, fil-25 ta' Frar, 1973, 25 ta' Mejju, 1973, 25 ta' Awissu, 1973 u 25 ta' Novembru, 1973 kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u billi l-atturi noe permezz ta' ittra ufficjali tad-29 ta' Novembr, 1973, notifikata l-istess gurnata (Dok C) qedghu in mora lill-konvenuti noe u regghu indikawlhom il-pjan tal-pagamenti lill-kredituri predispost mill-istess atturi noe; u billi nonostante din il-messa in mora l-konvenuti noe xorta baqghu inadempjenti u ghalhekk l-atturi noe ghandhom id-dritt ipso jure jirrecedu mill-istess kuntratt ta' lokazzjoni; talbu jghidu l-konvenuti noe, prevja d-dikjarazzjoni li huma moruzi fil-hlas ta' erba' trimestri kera kif fuq indikat, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara risoluta l-istess lokazzjoni tal-Grand Hotel Excelsior; ghaliex l-atturi m'ghandhomx jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess ta' l-istess lukanda u l-konvenuti noe jigu kundannati jizgumbraw mill-istess lukanda u jikkonsenjaw ic-cwievet kollha fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom ghal dan l-iskop prefiss minn din il-Qorti;  b'riserva ghal kull dritt ghal pagament tal-kera arretrat, danni u interessi, u bla pregudizzju ghal kull azzjoni ta' impunjazzjoni ta' l-istess skrittura ghan-nullita`, jew ghar-risoluzzjoni tal-lokazzjoni ghall-motivi ohra, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest tat-2 ta' Dicembru, 1972 u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru, 1973 kontra l-konvenuti noe li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;

B'nota pprezentata fis-16 ta' Jannar 1974 l-konvenuti noe eccepew:-

1. In linea preliminari illi Marcel Mifsud mhuwiex direttur tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk trid issir in-notifika lil min sar minfloku. Inoltre hija rikjesta l-prova tal-kwalita` li fiha l-atturi qeghdin jagixxu u tal-mandat taghhom.

2. Fil-meritu ghandu jigi rilevat li hemm pendenti quddiem din il-Qorti kawza bejn l-istess partijiet u persuni

ohra li fiha qeghda tintalab dikjarazzjoni tan-nullita` ta' l-iskrittura tal-lokazzjoni tal-Hotel Excelsior lis-socjeta` konvenuta, u ma tistax tigi deciza din il-kawza prezenti ghall-esekuzzjoni specifika ta' certi klawsoli ta' l-istess skrittura qabel ma jkun hemm decizjoni li l-iskrittura hija valida. “Quod nullum est nullum producit effectum”. Minhabba l-kawza l-ohra ghan-nullita`, s-socjeta` konvenuta ma setghetx thallas il-kera lis-socjeta` attrici lanqas kieku l-kera kien dovut.

3. L-ebda kera mhux dovut ghall-perjodu in kwistjoni, ghar-raguni illi, skond l-istess skrittura ta' lokazzjoni s-socjeta` attrici ghandha taghti lill-konvenuti noe s-somma ta' LM93,350 bhala penali sal-25 ta' Novembru 1973 u ghalhekk hemm kompensazzjoni automatika tal-kera ta' LM64,500 reklamat mill-atturi noe, b'mod illi l-atturi nomine ghad baqghalhom jaghtu lill-konvenuti noe LM93,350 salva l-penali ulterjuri mis-26 ta' Novembru 1973.

4. Inoltre ma jistax ikun hemm morozita` fil-pagament tal-kera ghar-raguni illi s-socjeta` attrici giet delegata fl-iskrittura ta' lokazzjoni li thallas 50% tal-kera lill-kredituri tas-socjeta` konvenuta skond pjan minnha predispost. Dan il-pjan gie komunikat lis-socjeta` attrici l-ewwel darba fid-29 ta' Novembru 1973 permezz ta' ittra ufficjali u ghalhekk ma jistghux l-atturi noe jkunu moruzi ghall-iskadenza ta' qabel din id-data. Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 7(b) ta' l-iskrittura tal-lokazzjoni l-atturi noe jiddikjaraw minn issa stess li huma ma jaccettawx dan il-pjan ghaliex jinjora l-priorita` ta' l-ipoteki u privileggi registrati kontra s-socjeta` konvenuta.

5. Fi kwalunkwe kaz, il-kera ma setghax jithallas anke kieku kien dovut stante li gie sekwestrat minn kredituri tas-socjeta` instanti kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

B'nota tas-26 ta' Jannar, 1974 il-konvenut Marcel Mifsud eccepixxa illi huwa ma ghadux direttur ta' l-imsemmija kumpanija Pabros Limited skond kif jirrizulta ahjar mir-Registru tal-Partnerships.

Fit-8 ta' Marzu, 1974 il-konvenuti pprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri fejn qalu li hemm konnessjoni skond il-ligi bejn din il-kawza prezenti u l-kawza fl-ismijiet "Patrick Calleja et noe vs Kav Lawrence Darmanin et noe" pendenti quddiem l-istess Qorti tal-Kummerc.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-21 ta' Gunju, 1982 l-allura Qorti tal-Kummerc laqghat it-talbiet attrici nomine u ghalhekk (1) iddikjarat lill-konvenut nomine morus fil-hlas ta' erba' trimestri kera kif indikati fic-citazzjoni; (2) iddikjarat risoluta l-istess lokazzjoni tal-Grand Hotel Excelsior; (3) awtorizzat lill-atturi nomine jirriprendu l-pussess ta' l-istess lukanda; u (4) ikkundannat lill-konvenuti nomine biex fi zmien xahar jizgombra mill-istess lukanda u jikkonsenja c-cwievet kollha fl-istess zmien u ikkundannat lill-attur nomine jhallas l-ispejjez tal-kawza in vista ta' l-obligazzjoni minnu maghmula fil-verbal ta' l-1 ta' April, 1977.

**Appelli**

Fit-12 ta' Lulju, 1982 giet prezentata petizzjoni ta' l-appell mis-sentenza fuq imsemmija minn Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi ta' Pabros Ltd., kif ukoll minn Malcolm u Kristine Pace li ddikjaraw li huma hassew ruhhom aggravti bl-imsemmija sentenza billi l-ewwel Qorti:-

a) ma accettatx li tikkjama fil-kawza lill-esponent (appellanti);

b) iddecidiet il-meritu tal-kawza qabel l-ezitu tal-kawzi pendenti quddiem din il-Qorti u quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, u

c) laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici.

Kien ghalhekk li fl-imsemmija petizzjoni l-appellanti talbu li s-sentenza tigi riformata billi tigi revokata fejn cahdet it-talbiet ta' l-esponenti (appellanti) kontenuti fir-rikorsi taghhom tal-4 ta' April, 1977 u fejn laqghet it-talbiet ta' l-atturi nomine u konfermata fejn ordnat li l-ispejjez jigu sopportati mill-atturi nomine u konsegwentement tiddikjara

li ghandha ssir il-kjamata fil-kawza ta' l-esponenti u li l-kawza ghandha tistenna l-ezitu taz-zewg kawzi imsemmija fil-verbal tat-3 ta' Gunju 1977, tannulla s-sentenza tal-21 ta' Gunju 1982 u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti ghall-provvedimenti necessarji u kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi u/jew skond il-kaz tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati proprio u/jew nomine.

L-atturi appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fis-26 ta' Lulju, 1982 li kienet tinkludi wkoll appell incidentali dwar il-kap ta' l-ispejjez in kwantu gie rilevat li bil-verbal ta' l-1 ta' April, 1977 huma kienu obbligaw ruhhom li jhallsu l-ispejjez tal-kawza tal-partijiet biss u mhux dawk rigwardanti r-rikorsi maghmula mill-appellanti wara l-istess dikjarazzjoni u, kif osservaw l-istess atturi appellati, gia` la darba t-talbiet kontenuti fl-istess rikorsi gew michuda, l-ispejjez konnessi ma' l-istess rikorsi kellhom jigu akkollati lill-istess rikorrenti. Dwar il-meritu tal-kawza l-atturi appellati sostnew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**Ikkunsidrat:**

L-appell principali huwa impostat bil-mod kif riportat hawn fuq in kwantu l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha mhux biss fuq il-mertu a bazi ta' l-ammissjoni tat-talbiet attrici maghmula minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici in rapprezentanza tal-kumpanija Pabros Limited permezz ta' nota ta' l-1 ta' April, 1977 (fol. 138 tal-process) meta l-Qorti osservat fir-rigward li "*Stante ghalhekk li l-istess ammissjoni ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, din il-Qorti m'ghandhiex hlief tghaddi ghas-sentenza ai termini tac-citazzjoni.*"; izda fis-sentenza citata l-ewwel Qorti kellha wkoll tiehu konjizzjoni u tipprovdi fuq zewg rikorsi li gew prezentati fl-4 ta' April, 1977 in segwitu ta' l-istess ammissjoni. Wiehed minn dawn ir-rikorsi gie ntavolat minn ta' Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita` taghhom ta' diretturi ta' Pabros Ltd u l-iehor ta' Malcolm u Christine Pace personalment, bhala azzjonisti tas-socjeta` Pabros Ltd. Fir-rikors tad-diretturi tas-socjeta` Pabros Limited gie rilevat li kienu gew istitwiti proceduri quddiem il-Prim Awla

tal-Qorti Civili fl-ismijiet “Carmelo Farrugia et noe vs Onor Ministru tal-Finanzi u Dwana et” (Citaz. Nru 875/74) fejn kienet qed tigi sollevata n-nullita` ta’ l-ordni moghtija lil Dr. Carmelo Mifsud Bonnici a tenur ta’ l-Artikolu 18 ta’ l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju u li, per konsegwenza, f’dawk il-proceduri dik il-Qorti kienet qed tigi mitluba li tinibixxi lill-istess Kontrollur milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir appartenenti lil Pabros. In vista ta’ dan ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tissoprasjedi pendenti l-ezitu ta’ l-imsemmija proceduri billi wkoll tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tordna l-kjamata in kawza taghhom. Fir-rikors ta’ Malcolm u Kristine Pace qua azzjonisti ta’ Pabros Limited kien qed jintalab ukoll li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tordna l-kjamata in kawza taghhom billi kien fl-interess taghhom li jkunu parti in kawza biex, qua azzjonisti tas-socjeta`, ikunu jistghu jilqghu ghal frodi perpetwata mill-Kontrollur, billi wkoll dik il-hatra kienet qed tigi kontestata bil-proceduri msemmija fir-rikors ta’ Carmelo Farrugia et.

Dwar dawn iz-zewg rikorsi l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha hekk: “*Ghad li din il-Qorti kienet tkun propensa kif normalment isir, li din il-kawza tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra maghmula biex tigi impunjata n-nomina ta’ Dr. Carmelo Mifsud Bonnici f’dan il-kaz, is-sekwenza ta’ kif graw il-fatti sa waslu biex saru r-rikorsi ghall-kjamati fil-kawza, ssahhah l-argumenti li ngiebu fis-sens li l-uniku skop li jistghu jservu, s-soprasessjoni u l-ilqugh tal-kjamata fil-kawza, hu li titwal il-kawza ghal ebda skop utili. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet fiz-zewg rikorsi de quo billi tichad l-istess talbiet.*”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

**Dwar is-soprasessjoni.**

Kif gia` rilevat fis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-18 ta’ Novembru, 2003 (moghtija f’din l-istess kawza) il-kwistjoni ta’ soprasessjoni ta’ dawn il-proceduri pendenti l-ezitu ta’ proceduri ohra istitwiti kontra l-Kontrollur, ghaddiet minn diversi fazi. Fl-ewwel lok hemm it-talbiet kontenuti fir-rikorsi tal-4 ta’ April, 1977 liema talbiet gew michuda bis-sentenza appellata tat-12 ta’ Lulju, 1982. Fil-15 ta’ Marzu,

1989 l-istess appellanti ghal darb’ ohra talbu li din il-Qorti (cioe` lill-Qorti ta’ l-Appell) tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza li kienet giet intavolata fi Frar 1989 fl-ismijiet “Christine Pace et vs Emanuel A. Bonello et”. Fit-13 ta’ Mejju, 1992 inghatat sentenza preliminari minn din il-Qorti meta giet milqughha l-pregudizzjali sottomessa mill-atturi appellati li l-appellanti ma setghux jappellaw sia bhala rikorrenti fil-kawza li t-talbiet taghhom gew michuda u sia bhala li huma ghandhom ir-rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, izda cahdet l-istess pregudizzjali mressqa mill-atturi appellati li l-appellanti Christine Podesta` u Dr. Malcolm Pace ma setghux jappellaw bhala persuni li ghandhom interess a termini ta’ l-Artikolu 236 tal-Kap. 12, u ghalhekk iddikjarat li f’din il-vesti dawn l-appellanti kellhom il-kapacita` necessarja biex jinterponu appell. Fl-istess sentenza din il-Qorti qalet li “*trid taghmilha cara, a skans ta’ kull ekwivoku, illi ma hija b’ebda mod qeghda tippregudika l-kwistjoni tas-soprasessjoni mitluba. Il-Qorti qeghda biss tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellanti ghandhom interess guridiku, a tenur ta’ l-Artikolu 236 tal-Kapitolu 12, li jaghmlu dan l-appell.”*

Bis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-18 ta’ Novembru, 2003 it-talba ghas-soprasessjoni maghmula fir-rikors tal-15 ta’ Marzu, 1989 u li kienet thalliet impregudikata bis-sentenza tat-13 ta’ Mejju, 1992 (supra) giet finalment michuda bl-ispejjez kontra l-appellanti wara li din il-Qorti osservat li ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza u “*specjalment tenut kont tal-fatt ta’ kemm ilha pendenti din il-kawza, din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tissoprasjedi kif mitlub fir-rikors tal-15 ta’ Marzu, 1989 li ghalih saret referenza fil-verbal ta’ l-udjenza tas-17 ta’ Gunju, 2003.”*

Din is-sentenza apparentement thalli impregudikat dak li ntqal fir-rikors ta’ l-appell fil-konfront tal-provvediment li nghata fis-sentenza tat-12 ta’ Lulju, 1982 meta l-ewwel Qorti kienet cahdet it-talba ghas-soprasessjoni kontenuta fir-rikorsi ta’ l-appellanti tal-4 ta’ April, 1977 billi, kif ghandu jigi osservat, fl-imsemmija sentenza preliminari ta’ din il-Qorti, kif illum komposta, tat-18 ta’ Novembru, 2003, il-

kwistjoni tas-soprasessjoni giet limitata ghal dak li jinghad fir-rikors tal-15 ta' Marzu, 1989 in kwantu hemm jinghad espressament hekk fil-paragrafu 18 ta' dik is-sentenza preliminari:

*"Fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 1993 (fol. 355) l-Avukat Dottor Malcolm Pace rega` accenna ghall-kawza "Carmelo Farrugia vs Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana et"*[1] *u talab is-soprasessjoni. Din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-provvediment, pero` dan il-provvediment baqa' ma inghatax. Peress li fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 1996 (fol. 370) jirrizulta li l-partijiet trattaw l-appell u dana thalla ghas-sentenza minghajr ebda referenza ghal din it-talba ghas-soprasessjoni, u peress ukoll li ma sar ebda accenn ghal din it-talba anke fil-verbal tas-17 ta' Gunju, 2003, din il-Qorti qeghdha tikkonsidra li l-appellanti rrinunzjaw ghat-talba kif maghmula fil-25 ta' Ottubru, 1993."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Minn dan jidher li l-appell, in kwantu jikkoncerna limitatament il-kwistjoni tac-cahda ghas-soprasessjoni rikjesta fir-rikorsi tal-4 ta' April, 1977, illum huwa ezawrit stante rinunzja kif fuq inghad u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tkompli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba kontenuta fil-petizzjoni ta' l-appell. Biss, ghal kompletezza, ghandu jinghad li in kwantu hemm identita` tat-talbiet kontenuti fil-proceduri istitwiti minn Christine Pace et (Citaz. Nru 162/89) ma' dawk kontenuti fil-proceduri istitwiti minn Carmelo Farrugia et (Citaz. Nru 875/74) billi l-iskop finali ta' dawn il-proceduri hija dikjarazzjoni gudizzjarja dwar in-nullita` tal-hatra ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici bhala Kontrollur, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandhom japplikaw, fir-rigward ta' l-aggravju sollevat mill-appellanti dwar ic-cahda tat-talba ghas-soprasessjoni maghmula fir-rikorsi tal-4 ta' April, 1977, l-istess konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti meta cahdet it-talba ghas-soprasessjoni kontenuta fir-rikors tal-15 ta' Marzu, 1989. Dan l-aggravju ghalhekk qieghed ukoll, ghal kull buon fini, jigi michud.

[1] Citaz. 875/74 u cioe` s-sentenza msemmija fir-rikorsi tal-4 ta' April, 1977.

**Dwar il-kjamata in kawza.**

L-appellanti hassew ruhhom aggravati wkoll billi l-ewwel Qorti naqset li takkorda t-talba taghhom li jigu kjamati in kawza fil-proceduri odjerni. Qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet din it-talba ta' l-appellanti proprio et nomine billi "*ghalkemm* (l-Ewwel Qorti) g*hamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fuqhom, waslet ghall-konkluzzjoni skorretta billi qabzet ghal kollox l-importanza tal-punt kardinali, u cioe` dik tal-validita` o meno tan-nomina ta' Dottor Mifsud Bonnici bhala kontrollur tas-socjeta` konvenuta."* L-interess guridiku ta' l-appellanti Carmelo Farrugia et nomine biex jinterponu appell mis-sentenza tal-21 ta' Gunju, 1982 gia` gie konsiderat fis-sentenza preliminari tat-13 ta' Mejju, 1992 fejn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, irriteniet illi "*l-appellanti ma setghux jappellaw sija bhala rikorrenti fil-kawza li t-talbiet taghhom gew michuda u sija bhala li huma ghandhom ir-rappresentanza tas-socjeta` konvenuta;"* u dana billi, kif gie ritenut f'dik is-sentenza, is-socjeta` Pabros Limited, jidher li kienet legalment rapprezentata minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u ghalhekk salv dikjarazzjoni kontrarja, l-appell ta' dik is-socjeta` seta' biss jigi intavolat mill-istess Dr. Carmelo Mifsud Bonnici.

Issa jekk jonqos l-interess ta' l-appellanti fil-kapacita` taghhom qua diretturi ta' l-istess socjeta` biex jappellaw daqstant iehor jonqos l-istess interess ossia d-dritt taghhom biex jissejhu fil-kawza. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Fir-rigward tat-talba ta' Christine Podesta` u Dr. Malcolm Pace biex jigu kjamati in kwaza fil-kapacita` taghhom personali qua azzjonisti tas-socjeta` Pabros tosta' l-pregudizzjali sollevata mill-atturi appellati li, kif sewwa osservat din il-Qorti fis-sentenza tat-13 ta' Mejju, 1992 "*huwa korrett dak li jallegaw l-atturi appellati fis-sens li l-azzjonisti ta' socjeta` ma jistghux jirrispondu, bhala konvenuti, (una volta li l-kjamat fil-kawza jsir konvenut), ghad-domanda attrici.*" Dan naturalment qed jinghad bla

pregudizzju ghad-drittijiet ta’ Christine Podesta` u Dr. Malcolm Pace bhala partijiet interessati fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri rigwardanti l-meritu proprju tal-kawza. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Dwar l-akkoljiment tat-talbiet attrici.**

Huwa stabbilit fil-ligi ta’ procedura li ma’ hemmx appell minn sentenza li tinghata fuq ammissjoni tat-talba (ara Art. 228 Kap. 12). Fil-kaz in ezami izda l-appell interpost ma giex hekk intavolat mis-socjeta` konvenuta li kienet, tramite l-kontrollur taghha, ammettiet it-talbiet attrici. Dan l-appell qed isir minn terzi interessati fil-kapacita` taghhom ta’ azzjonisti ta’ l-imsemmija socjeta` Pabros.

Issa huwa minnu dak li gie osservat mill-abbli difensur ta’ l-atturi fis-sens li l-Qorti trid tiddecidi l-kawza fuq l-provi li jkunu ngiebu in atti. Dan qed jinghad mill-appellati in sostenn tat-talba taghhom ghac-cahda ta’ l-appell prezenti billi in atti ma jirrizulta xejn dwar dak li gie allegat fil-konfront tal-posizzjoni ta’ Dr. Carmelo Mifsud Bonnici qua kontrollur.  In effetti saru diversi allegazzjonijiet ta’ frodi jew kwazi frodi perpetrat mill-istess Kontrollur u anke saret referenza insistenti ghal diversi proceduri li gew istitwiti appositament sabiex tigi attakatta l-kariga ta’ l-istess Kontrollur. Pero’ fil-proceduri odjerni ma nsibu xejn li jista` jikkonvinci din il-Qorti li l-allegazzjonijiet ta’ l-appellanti fihom xi sustanza.  Huwa minnu li fil-proceduri istitwiti kontra l-istess Kontrollur jista’ jkun hemm ezitu favorevoli ghall-istanti billi jigu akkolti t-talbiet attrici u b’hekk l-istess kariga tal-Kontrollur tigi dikjarata nulla bill-konsegwenzi kollha li tali dikjarazzjoni tista' ggib. Pero` <u>ghall-fini ta’ dawn il-proceduri u fil-parametri ta’ l-aggravji kif impostati</u> din il-Qorti tosserva li hija rinfaccata bi stat ta’ fatt naxxenti minn dikjarazzjoni ministerjali awtorizzata b’ligi li kienet in vigore meta saret l-istess hatra tal-Kontrollur.  Ghalhekk ghal dawn il-proceduri din il-Qorti ma tara ebda mod kif tista’ twarrab dik l-awtorita` konferita fuq il-Kontrollur tas-socjeta` konvenuta, inkluza wkoll f’dik l-awtorita` li l-istess kontrollur jammetti t-talbiet attrici kif proposti.  Kienet ghalhekk pjenament korretta l-ewwel Qorti meta ghaddiet ghas-sentenza kif fuq inghad billi l-ammissjoni tal-

konvenut twassal naturalment ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll qed jigi michud. Jizdied jinghad, ghal kull buon fini, li s-sentenza li saret referenza ghaliha mill-appellanti fl-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2003, u cioe` s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Frar, 2003, fl-ismijiet "Cecil Pace u Henry Pace v. l-Avukat Generali" b'ebda mod ma hi ta' ostakolu ghall-pronunzjament tas-sentenza odjerna.

**Dwar l-appell incidentali.**

Qed jigi sottomess li s-socjeta` attrici ma kellhiex tigi kundannata thallas l-ispejjez kollha in kawza izda biss dawk l-ispejjez li jikkoncernaw il-partijiet u dana billi meta saret l-imsemmija obbligazzjoni mis-socjeta` attrici fl-udjenza ta' l-1 ta' April, 1977 (fol 140) l-appellanti odjerni ma kienux parti in kawza. Minn ezami tal-process jidher li dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici appellatanti huwa sostanzjalment korrett billi l-ewwel darba li l-appellanti (principali) u cioe` Carmelo Farrugia et noe u Christine Podesta` et jidhru fil-kawza kien wara r-rikorsi pprezentati minnhom fl-4 ta' April, 1977. Ghalhekk id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici fuq imsemmija qatt ma setghet fil-verita` tapplika ghall-ispejjez tal-kawza ta' l-istess Carmelo Farrugia et noe u Christine Podesta` et. Inoltre gia` la darba t-talbiet kontenuti fir-rikorsi tal-4 ta' April, 1977 gew michuda, mhux gust li s-socjeta` attrici kellha tigi akkollata l-ispejjez taghhom. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi milqugh u l-Qorti sejra tipprovdi dwaru fil-parti dispozittiva.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' Carmelo Farrugia et noe u ta' Malcolm u Christine Pace tat-12 ta' Lulju, 1982, qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom. Fl-istess waqt l-appell incidentali tas-socjeta` attrici qed jigi milqugh billi s-sentenza appellata qed tigi revokata limitatament ghad-decizjoni fuq il-kap ta' l-ispejjez billi Carmelo Farrugia et nomine u Malcolm u Christine Pace ghandhom ibatu l-ispejjez kagunati minnhom bhala konsegwenza tar-rikorsi minnhom maghmula fl-4 ta' April, 1977 u billi wkoll ihallsu l-ispejjez ta' l-appell incidentali fir-rigward inkorsi mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------